



Brussell, 5 ta' Mejju 2022
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonal:
2022/0098(NLE)
2022/0097(NLE)

7908/22

ADD 1

LIMITE

WTO 58

AGRI 137

UD 76

UK 64

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Nru dok. Cion: 7905/22 + ADD 1, 7906/22 + ADD 1

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem I-Unjoni, tal-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relataf mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

- Adozzjoni
- u
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem I-Unjoni, tal-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relataf mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim għandha tirreferi għall-persuna maħtura min-negożjatur bħala li hija awtorizzata tiffirma. Għalhekk, l-emendi li jipprevedu li l-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna li għandha tiffirma l-ftiehim f'isem I-Unjoni mhumiex f'konformità mat-Trattati.

L-atti kollha ta' rappreżentanza esterna fil-proċess tat-tfassil tat-trattati, inkluż l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali u l-espressjoni sussegwenti tal-kunsens li wieħed jinrabat bih huma, fkonformità mal-Artikolu 17(1) TUE, il-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' tali atti li jappartjenu għal ftehimiet li jaqgħu esklussivament jew b'mod predominant taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni u attur ieħor maħtur mill-Kunsill jiffirmaw flimkien ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni, l-iffirmar tal-Kummissjoni biss jippenja lill-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li mhix fkonformità mat-Trattati tal-UE 'ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw' (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, para. 42).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.
